**SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2000**
Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 1** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: SIEGĦA U NOFS** |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________________

**A. Agħżel it-tajba billi tagħmel sinjal taħtha:**

1. Iċ-ċittadini kollha flimkien jissejħu:
   a) soċjeta' b) għaqda ċ) ħbieb

2. Meta ngħin u nikkopera nkun qed nuri
   a) indifferenza b) suppervja ċ) rispett

3. Dixxiplina tfisser li kulħadd
   a) jitkellem b) jaqdi dmiru ċ) jagħmel li jrid

4. Biex niddeċiedi dwar suġġetti ta' l-iskola u l-karriera, tajjeb li nistaqsi lil:
   a) oħrajn b) care taker ċ) guidance teacher

5. Għaqda volontarja tissejjaħ hekk għax taħdem
   a) mingħajr ħlas b) filgħodu ċ) filgħaxija

6. Għandi dritt li a) nitgħallem b) naħfer ċ) ngħin

7. Għandi dmir li a) nobdi b) niekol ċ) nsuq

8. Il-fattizzi a) nitgħallimhom b) nirithom ċ) nagħmilhom

9. Il-Kunsill Lokali jirrappreżenta a) l-iskejjel b) il-belt jew raħal ċ) il-pajjiż

10. In-numru tat-telefon 179 jintuża bħala għajnuna f'każijiet ta'
    a) xogħol b) abbuż ċ) bejgħ

**(1x10=10)**

**B. <u>Nikbru u nitgħallmu l-ħin kollu matul ħajjitna kollha. Insibu min jgħinna u jagħtina parir għall-ġid tagħna stess. Uri min għallmek dan li ġej billi tikteb in-numru t-tajjeb fil-kaxxa.</u>**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-familja għallmitni | | ħafna suġġetti differenti. |
| 2. | L-iskola għallmitni | | f'għażliet għall-iskola u għal ħajti. |
| 3. | Il-Guidance teachers jgħinuni | | għax għandhom ħafna esperjenza. |
| 4. | Fil-librerija nsib għajnuna | | nħobb u naqsam ma' ħaddieħor. |
| 5. | In-nanniet jgħallmuni | | biex nagħżel kotba addattati. |

**(1x5=5)**

**C. <u>Aqra u wieġeb:</u>**

Kull fejn inkunu u kull fejn immorru niltaqgħu ma' nies oħrajn bħalna. Għalhekk ngħixu f'soċjeta', għax għandna bżonn lil xulxin u għandna bżonn li nikkomunikaw ma' xulxin. L-ewwel nikkomunikaw bil-lingwa jew verbalment. Imma nistgħu nikkomunikaw bejnietna bil-mass media, jiġifieri dawk il-mezzi oħrajn li permezz tagħhom nistgħu inwasslu l-messaġġi li hemm bżonn lil ħaddieħor. Dawn nużawhom kemm waqt il-ħin tax-xogħol kif ukoll tal-mistrieħ.

1. X'jiġifieri mass media?

____________________________________________

2. Kif nikkomunikaw bejnietna l-ewwel?

____________________________________________

3. Semmi żewġ mezzi ta' komunikazzjoni fid-dar?

____________________________________________

4. Għaliex ngħidu li "t-televiżjoni hu tieqa fid-dinja"?

____________________________________________

5. Kif għandek tħares lejn ir-reklami li tara fuq it-televiżjoni jew tisma' fuq ir-radju?

____________________________________________

**(5x3=15)**

**D. Xi affarijiet irrid noqgħod attent għalihom, għaliex jistgħu iservu għat-tajjeb, jew għall-ħażin. Semmi kif dawn li ġejjin għandhom il-pożittiv (tajjeb) u n-negattiv (ħażin) tagħhom:**

| | | Tajjeb | Ħażin |
|---|---|---|---|
| 1. | it-televiżjoni | | |
| 2. | ħafna flus | | |
| 3. | ħin liberu | | |
| 4. | mediċina | | |
| 5. | ħbieb | | |

**(5x2=10)**

**E. L-istampi jistgħu jgħallmuni iżjed mill-kliem. Għid xi jfissru dawn is-sinjali:**



| |
|---|
| 1. |
| 2. |
| 3. |
| 4. |
| 5. |
| 6. |
| 7. |
| 8. |
| 9. |
| 10. |

**(1x10=10)**

**F. X'taf fuq il-kultura ta' pajjiżek? Semmi:**

1. Post f'Malta fejn issib ħafna turisti ______________________________
2. Il-Belt antika ta' Malta ______________________________
3. Raħal is-sajjieda ______________________________
4. fejn jissewwew il-vapuri ______________________________
5. Jieħu ħsieb il-belt jew raħal ______________________________
6. Fejn issib ħafna fabbriki ______________________________
7. Il-linja nazzjonali ta' l-ajru ______________________________
8. Futbol, għawm, ġiri, basketball ______________________________
9. Fejn issir ġustizzja ma' min jikser il-liġi ______________________________
10. L-ewwel skola taż-żgħar qabel il-primarja ______________________________

**(1x10=10)**

**G. Soċjalizzazzjoni tfisser relazzjoni ma' l-oħrajn. Wieġeb IVA jew LE għal dawn li ġejjin billi timla salib X fil-kaxxa:**

1. Tħobb toħroġ mal-ħbieb? Iva ☐ Le ☐

Għaliex? ______________________________

2. Tieħu pjaċir tkun waħdek għall-kwiet Iva ☐ Le ☐

Għaliex? ______________________________

3. Toqgħod attent/a kif tagħżel il-ħbieb? Iva ☐ Le ☐

Għaliex? ______________________________

4. Tieħu sehem fl-attivitajiet ta' l-iskola? Iva ☐ Le ☐

Għaliex? ______________________________

5. Jekk jiġu studenti barranin fil-klassi tagħmel ħbieb magħhom: ☐ ☐

Għaliex? ______________________________

**(5x2=10)**

**H. L-istorja tgħallimna li l-bniedem dejjem ħadem u irsista biex jagħmel progress u jimxi 'l quddiem għal ġid tiegħu u dawk ta' madwaru.**

**Imla l-vojt b'dan il-kliem:** progress, l-ikel, ċittadini, soċjeta', drittijiet, jgħix, pajjiż, gvern, dmirijiet, komunita'.

1. Fil-bidu taż-żmien il-bniedem kien ifittex ______________.
2. Mingħajr dan il-bżonn importanti ħadd ma jista' ______________.
3. Wara beda jingħaqad ma' bnedmin oħra u jifforma l-ewwel ______________.
4. Wara, il-komunita' bdiet tikber u saret ______________.
5. Kull soċjeta' jkun fiha ______________, jiġifieri nies li huma membri sħaħ tagħha.
6. Il-post fejn joqogħdu ċ-ċittadini jissejjaħ ______________.
7. Il-mexxejja tal-poplu jagħmlu l-liġijiet u jiffurmaw ______________.
8. Bħala ċittadin/a jien ingawdi ______________ u nieħu benefiċċji mis-soċjeta'.
9. Bħala ċittadin/a għandi wkoll ______________ x'naqdi u nagħti sehmi ma' l-oħrajn.
10. Is-soċjeta' tagħmel ______________ meta naħdmu lkoll flimkien.

**(1x10=10)**

**I.** **<u>Il-valuri huma dawk l-għanijiet jew skopijiet ta' ħajjitna li għandna bżonn bħala xi ħaġa tajba biex bihom ngħixu aħjar bejnietna. Dawn huma: imħabba, għajnuna, maħfra, mogħdrija, paċenzja, koperazzjoni, ġenerożita', karita', tagħlim, saħħa. Iktibhom fil-kaxxi skond l-ewwel ittra li jibdew biha.</u>**




**(1x10=10)**

J. **<u>Ikteb madwar 15-il linja fuq WIEĦED minn dawn:</u>**

1. Semmi 3 differenzi li sibt bejn l-iskola primarja u l-iskola sekondarja, u tkellem fuqhom.
2. Semmi 3 min-nies li jaħdmu għalik u jixtiqulek il-ġid. Għid kif jgħinuk u x'tagħmel int biex tikkopera magħhom.
3. Semmi 3 regolamenti ta' l-iskola u għid għaliex hemm bżonnhom biex l-iskola timxi aħjar.
4. L-ambjent fil-familja, fl-iskola, u fir-raħal irrid inħarsu jien. X'jiġifieri?
5. Semmi proġett jew ħarġa kulturali jew attivita' edukattiva u għid kif laqtitek.

**(10 marki)**